KUNSILL LOKALI TAL-IMTARFA

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa**

# SITT LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 61

**L-Erbgħa 8 ta' Frar 2017**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imtarfa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fit-*Town Centre*, Triq ir-Reġimenti Maltin, l-Imtarfa fis-7:35 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Daniel John Attard – Sindku
Antoine Vella – Viċi Sindku
Simon Paul Fenech – Kunsillier
Anthony Mifsud – Kunsillier
Helen Bugeja – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**

Jamie Marie Galea – Ambaxxatur taż-Żgħażagħ

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Daniel John Attard ippresjeda l-laqgħa.

## 61.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

61.1.1 Ma kienx hemm nies assenti jew skuzati.

## 61.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

61.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) ippreżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

61.2.2 Is-Sindku propona l-approvazzjoni tal-minuti. Il-Kunsillier Mifsud issekonda. Kien hemm qbil b'mod unanimu fost il-Kunsilliera preżenti u għaldaqstant il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u mis-SE.

61.2.3 Is-SE infurmat li fir-rigward ta' paragrafu 60.2.4, hija kienet se tiltaqa' mal-perit dwar numru ta' problemi u fosthom il-kwistjoni ta' Triq Sir Leslie Rundle t-Tlieta filgħodu. Hija kienet se tgħaddi aktar informazzjoni lill-Kunsill waqt il-laqgħa li jmiss.

61.2.4 Is-SE infurmat li dwar paragrafu 60.2.5 hija kienet għadha qed tistenna risposta minn TM.

61.2.5 Is-SE infurmat li kienet għaddiet ċirkulari numru 6/2017 lill-Kunsilliera kollha fejn l-Onor. Buontempo kien qed jiċċara li, wara li saret konsultazzjoni, 'kien hemm qbil li jekk Kunsillier ma jattendix għal-laqgħa għal raġunijiet ta' safar, mard li jkun attestat b'ċertifikat tal-mard jew għal raġuni oħra li dwarha l-Kunsillier ikun kiteb lis-SE tal-KL, dan in-nuqqas ta' attendenza m'għandux ikun ikkunsidrat għal skop ta' tnaqqis mill-imsemmija *allowance*'.

61.2.6 Hawnhekk wasal il-Viċi Sindku. Il-ħin kien it-19:40.

## 61.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

61.3.1 Is-Sindku informa li fil-prezent kien għadu qed jinsisti mal-periti biex jgħaddu l-pjanijiet għax-xogħlijiet dwar bankini u parkeġġi skont kif deċizi mill-Kunsill. L-għada tas-seduta huwa u s-SE kienu se jiltaqgħu mill-ġdid mal-periti fejn huwa kien se jkompli jisħaq fuq dan. Huwa informa li fost oħrajn, kienu se jiddiskutu dwar il-bosk, it-torri tal-arloġġ u l-*interpretation centre*, il-binja tal-karnival u l-passaġġ ta' bejn il-bosk u triq is-27 ta' April.

61.3.2 Is-Sindku informa li se jiltaqa' ma' imprenditur lokali li qed jispera li jkun jista' jgħin lill-Kunsill finanzjarjament sabiex itaffi l-ispiza tar-restawr tal-arloġġ u l-bini tal-*interpretation centre*. Hawnhekk, il-Kunsillier Mifsud talab lis-Sindku sabiex tintbagħat ittra lill-perit tal-Kunsill dwar ir-responsabbiltà tiegħu fuq ix-xogħol li sar fil-bosk. Is-Sindku wegħed li huwa kien se jwassal dan il-messaġġ lill-Perit.

61.3.3 Is-Sindku informa li s'issa l-Kunsill kellu konfermi dwar tliet postijiet li jistgħu jitwaħħlu fihom is-*CCTV cameras* u għaldaqstant issuġġerixxa lis-SE sabiex tmexxi bihom.

61.3.4 Is-Sindku fakkar lis-SE li l-grada ta' ħdejn ix-xelter għadha ma twaħħlitx.

## 61.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

61.4.1 Il-Kunsillier Mifsud: *Hemm issue ta' sleeping police fl-Imtarfa u nixtieq li tiġi mnizzla fl-aġenda*: Il-Kunsillier Mifsud spjega li kellu talba sabiex terġa' titwaħħal is-*sleeping policeman* fi Triq l-Imtarfa. Waqt diskussjoni li saret, kien hemm qbil li din is-*sleeping policeman* ma kinitx tneħħiet imma ċċaqalqet ftit metri 'l fuq għal ħdejn il-bandli, anke għaliex kienet ta' periklu għar-residenti li joqgħodu hemm b'mod speċjali għal min kien ikun bil-qiegħda fuq xi siġġu jew bank fuq il-bankina. Għaldaqstant kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jzomm mad-deċizjoni li kienet ittieħdet. Wara diskussjoni kien hemm qbil li għandha titwaħħal lura s-*sleeping policeman* ta' Triq Theuma Castelletti.

61.4.2 Il-Kunsillier Fenech: *Ir-residenti ta' Binja Qlejgħa qaluli biex nirranġaw dak iċ-ċint għax ħa jaqa', ta' fejn l-iskola primarja:* Il-Kunsill qabel li ċ-ċint jinsab f'zona li titqies bħala parti mill-binja nniffisha. Fil-fatt kemm fuq kif ukoll taħtu, inbena mill-Awtorità tad-Djar u huwa parti parkeġġ u parti garaxxijiet mixtrija jew mikrija mingħand l-Awtorità. Għaldaqstant il-Kunsill qed jikkontendi li din iz-zona mhijiex fir-responsabbiltà tiegħu. Kien hemm qbil ukoll li s-SE għandha titlob għal laqgħa mal-amministratur tal-binja biex tivverifika x'se jsir min-naħa tagħhom dwar dan il-periklu.

## 61.5 Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju ta' Kull Kwart (Ottubru – Diċembru 2016)

61.5.1 Is-SE talbet lill-*accountant* tal-Kunsill sabiex tati spjega dwar ir-rapport finanzjarju tal-aħħar kwart tas-sena 2016, li kien diġà ġie ċċirkulat mal-Kunsilliera.

61.5.2 L-*accountant* spjegat l-infiq u d-dħulijiet li kien hemm fl-aħħar kwart tas-sena. Dan ir-rapport ġie approvat b'mod unanimu.

## 61.6 Approvazzjoni tal-*End of Year Financial Statements* għas-sena 2016

61.6.1 Is-SE infurmat li kienet ġiet iċċirkulata kopja tar-rapport lil kull Kunsillier u għaldaqstant stiednet lill-*accountant* tati spjega tiegħu.

61.6.2 L-accountant tat rendikont tar-rapport fejn irrizulta wkoll li l-Kunsill kien reġa' spiċċa s-sena b'bilanċ pozittiv.

61.6.3 Dan ir-rapport ġie approvat u ffirmat mis-Sindku u s-SE.

61.6.4 AV skuza ruhu at 8:35pm.

## 61.7 Approvazzjoni tal-Baġit tal-Kunsill għas-sena 2017

61.7.1 Is-SE infurmat li kienet ġiet prezentata kopja tal-Baġit lil kull Kunsillier minn qabel il-laqgħa u għaldaqstant talbet lill-accountant biex tati rendikont ta' kif kien qed jiġi propost li jiġi allokat il-baġit tas-sena 2017.

61.7.2 Kien hemm diskussjoni dwar it-tqassim tal-allokazzjoni flimkien mal-Kunsilliera kollha.

61.7.3 Il-baġit kien approvat b'mod unanimu mingħajr ebda emenda.

61.7.4 Hawnhekk il-Kunsillier Mifsud talab lis-SE tivverifika jekk it-trasport tal-anzjani għadux jiffunzjona minħabba li jidhirlu li d-day centre tal-anzjani tal-Imtarfa ma kienx għadu miftuħ.

61.7.5 Is-SE irringrazzjat lill-accountant tal-interventi tagħha u tkompliet il-laqgħa. Il-ħin kien id-20:56.

## 61.8 Rapport dwar il-ġemellaġġ ma' Arvidsjaur

61.8.1 Is-SE infurmat li bħala formalità qed tinforma lill-Kunsill li matul is-sena 2016 ma saret ebda spiża relatata mal-ġemellaġġ ma' Arvidsjaur fl-Iżvezja.

61.8.2 Sadanittant infurmat li kien hemm proposta min-naħa tas-Sur Arthur Perici sabiex isir proġett fuq l-istrand *Network of Towns* fejn il-Kunsill seta' jipprova jistabbilixxi jekk ikunx possibbli li jsir proġett bejn l-Imtarfa u xi lokalitajiet oħra.

61.8.3 Il-Kunsilliera Bugeja skuzat ruħha mil-laqgħa. Il-ħin kien id-21:00.

## 61.9 Rapport dwar tneħħija ta' affarijiet minn fuq il-lista tal-inventarju

61.9.1 Is-SE għaddiet lista ta' affarijiet elettroniċi li m'għadhomx jiffunzjonaw sabiex jitneħħew minn fuq il-lista tal-inventarju u jintremew.

61.9.2 Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni. Il-lista qiegħda mehmuza.

## 61.10 Ħruġ urġenti tal-offerta għall-akkommodazzjoni tal-kontinġent minn Pumpherston fl-Iskozja

61.10.1 Is-SE infurmat li kif kienet infurmat permezz tal-*email*, kienet ħarġet is-sejħa għall-offerta għall-akkommodazzjoni tal-kontinġent Skoċċiz b'mod urġenti minħabba li ma kienx fadal ħafna zmien. Id-data tal-iskadenza biex jitfgħu s-sottomissjonijiet kienet it-Tnejn 13 ta' Frar fil-11:30am. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

61.10.2 Hija talbet lill-Kunsilliera sabiex jiddetermina r-rwoli għall-ftuħ u l-evalwazzjoni tal-offerta. Kien hemm qbil li l-*opening staff* ikun magħmul minn Alexander Caruana u Emanuel Cristina filwaqt li l-*evaluation board* għandu jkun magħmul mis-SE u mill-Uffiċjal Ezekuttiv (it-tnejn bla vot) kif ukoll mis-Sindku, mill-Viċi Sindku u mill-Kunsillier Simon Fenech.

## 61.11 Ħruġ tal-offerta tad-dawl mir-Reġjun u l-approvazzjoni tal-Ftehim ta' Koperazzjoni

61.11.1 Is-SE infurmat li kienet għaddiet kopja tal-kommunikazzjonijiet li kien hemm mir-reġjun kif ukoll min-naħa tal-Kunsill ta' Pembroke u l-Mellieħa fejn elenkaw punti varji fejn mhux jaqblu ma' din il-kommunikazzjoni.

61.11.2 Hawnhekk kien hemm diskussjoni fejn il-Kunsillier Mifsud, bħala President tar-Reġjun, informa li din il-materja se tiġi diskussa fil-laqgħa tar-Reġjun li jmiss fejn huwa kien se jipproponi li l-ħlas ta' kull Kunsill ikun skont in-numru ta' bozoz li hemm fil-lokalità. Huwa kkonferma wkoll li l-*contracts manager* se jkun imħallas mill-fond allokat mill-Gvern Ċentrali lir-Reġjun. Għall-mistoqsija tas-SE, huwa kkonferma li s-sistema elettronika se tkun proprjetà tar-Reġjun u għaldaqstant l-informazzjoni ma tintilifx mat-tibdil tal-kuntrattur.

## 61.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

61.12.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti, kopja tagħha mehmuza. Il-lista tal-pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku u mis-SE.

61.12.2 Hawnhekk is-SE ġibdet l-attenzjoni li kien hemm bzonn li ssir manutenzjoni tal-*membrane* li hemm fuq is-saqaf tal-Kunsill minħabba li kien reġa' dieħel l-ilma f'numru ta' kmamar. Hija infurmat li kull sena, il-ħaddiema tal-Kunsill jieħdu ħsieb jagħmlu xi manutenzjoni però hemm partijiet li hemm bzonn li jinksew mill-ġdid għaliex inqalgħu. Din l-ispiza se tlaħħaq madwar €600. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni però, fuq suġġeriment tal-Kunsillier Fenech kien hemm qbil li għandu juri lill-ħaddiema tal-Kunsill kif jistgħu jagħmlu x-xogħol huma u għaldaqstant jekk jirnexxielhom din l-ispiza setgħet tiġi frankata.

## 61.13 Mozzjonijiet

61.13.1 Is-SE infurmat li ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 61.14 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

61.14.1 Il-laqgħa intemmet fid-9:15pm u ġiet aġġornata għat-Tnejn 13 ta' Marzu 2017 fis-7:30pm.

Konfermati, illum 13 ta' Marzu 2017.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Daniel John Attard | Josette Micallef |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |